**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 - IT-TLIETA 15 TA' ĠUNJU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-7:52pm) |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier (wasal fit-8pm) |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier (wasal fit-8pm) |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Fil-bidu kien hemm żewġ persuni preżenti. | |

Qabel ma bdiet il-laqgħa is-SE informa li l-Kunsillieri Bonello u Sammut kienu infurmawh li se jittardjaw.

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-Kunsill għadda biex jikkunsidra u japprova l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

1.2. Is-SE informa li dwar para. 3.1 kien għadu ma kkomunikax mal-għaqdiet minħabba li l-ħidma fuq l-attività tal-20 ta' Ġunju kienet qed tintensifika.

1.3. Il-minuti imbagħad kienu approvati.

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET**

2.1. Il-Kunsillier Galea ta rapport dwar il-laqgħa li kellhom iż-żewġ soċjetajiet tal-baned mal-Palazz it-Tnejn 14 ta' Ġunju. Huwa semma li ma kienx ċar kif se jsir il-ħlas. Madanakollu s-SE informa li kien iċċara dan mal-Palazz anzi kellu l-konferma li l-ħlas se jsir lill-baned mill-Palazz eżatt kif itemmu l-eżekuzzjoni mużikali tagħhom.

2.2. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien it-7.52pm.

2.3. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet dwar il-parteċipazzjoni tal-In Guardia filwaqt li s-SE ta informazzjoni ta' kif se jkun imqassam il-programm tagħhom.

2.4. Kien konfermat li dak li kellu jsir permezz ta' para. 6.4 kien tlesta.

2.5. Is-Sindku u s-SE taw informazzjoni dwar l-akkomodazzjoni għall-parteċipanti minn Mornago biex isir il-ġemellaġġ. Wara li inkisbu diversi stimi, l-aħjar stima, fil-

kuntest tal-kwalità, ġiet mingħand Fortina Hotel għall-prezz ta' €40 kull persuna kull lejl.

2.6. F'dan il-ħin waslu l-Kunsillieri Sammut u Bonello. Il-ħin kien it-8pm.

2.7. Il-Kunsill qabel li jipposponi l-kumplament tal-komunikazzjonijiet għal aktar tard.

## 3. TALBA GĦALL-ĦLASIJIET TA' FUTURE FOCUS

3.1. F'dan il-ħin kien mistieden l-avukat tal-Kunsill biex jagħti parir lill-Kunsill dwar talbiet li qed isiru minn Future Focus.

3.2. Is-SE ta informazzjoni fil-qosor ta' kif żvolġa l-każ. Huwa semma li f'laqgħa inizjali li kienet saret fil-bidu, anki bl-attendenza ta' membri tal-Kunsill, kien issemma li Future Focus tiċċarġja €1,000 biex issir l-applikazzjoni u l-organizzazzjoni tal-attività. Jidher li qatt ma kien hemm il-fehma min-naħa ta' min kien involut fil-laqgħat da parti tal-Kunsill li jekk l-applikazzjoni ma tkunx approvata l-attività ssir xorta u li l-ħlas mitlub irid isir sħiħ xorta waħda.

3.3. Huwa kompla jinforma li l-applikazzjonijiet oriġinali, li d-data tal-għeluq tagħhom kienet il-11 ta' Settembru 2009, kienu biex issir attività tal-Milied f'Diċembru 2009 u l-attività L-Istorja Tmexxi s-Sengħa **f'Settembru 2010**, ċoè aktar minn sena wara li tkun sottomessa l-applikazzjoni. Ftit ġranet wara li kienu sottomessi l-applikazzjonijiet, eżattament fis-17 ta' Settmebru 2009, Future Focus ħarġu żewġ kontijiet li jammontaw għal total ta' €2,360. Minħabba li huwa ma setax jiġġustifika li l-kontijiet jitħallsu daqstant bil-quddiem, u meta l-Kunsill ma kellux idea jekk hux se jieħu fondi, u allura jekk hux se jorganizza l-attivitajiet, ma ħassx li kellu jippreżentahom lill-Kunsill.

3.4. Sadanittant kompla jinforma li huwa ma kien daħal xejn fl-applikazzjoni nnifisha minħabba li fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru kien imsiefer. Lanqas ma kien ikkonsultat qabel filwaqt li kollox kien jindika li x-xogħol tal-applikazzjoni beda propju ftit jiem qabel ma ġew sottomessi. Ikkonferma wkoll li, ftit wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni, eżattament waqt li delegazzjoni tal-Kunsill kienet Bucharest, is-Sindku kienet diġà esprimiet miegħu li l-kwalità tal-applikazzjoni kienet fqira ħafna u li kellha tkun hi biex sar tibdil għall-aħjar.

3.5. Eventwalment, qabel ma l-Kunsill kien għadu rċieva r-riżultat, il-Kunsill kien iddeċieda li l-attività tal-Milied issir xorta waħda iżda sadanittant qatt ma sar kuntatt min-naħa ta' Future Focus biex jibdew il-kordinazzjoni. Il-konferma tal-aċċettazzjoni ta' proġett wieħed, u awtomatikament ir-rifjut tal-finanzjament tal-attività tal-Milied, ingħatat nhar l-20 ta' Novembru. Sa dak iż-żmien il-Kunsill kien diġà kkordina l-maġġoranza tal-attività.

3.6. Nhar l-24 ta' Novembru 2009, wara talba mis-Sindku, wara li kienet għadha kemm irċeviet telefonata mis-Sur John Galea ta' Future Focus biex jistaqsiha meta se jibda jikkordina l-attività tal-Milied, u għaliex il-kordinazzjoni kienet prattikament saret diġà, kien bagħat email lis-Sur Galea jinfurmah biex jibgħat kontijiet riveduti biex jirriflettu biss ix-xogħol tal-applikazzjoni minħabba li l-kordinazzjoni se jsiru '*in-house*'.

3.7. Fit-3 ta' Diċembru 2009 fil-Kunsill wasal kont li jġib l-istess data tal-ewwel żewġ kontijiet b'nota li tgħid '*This is to replace the other two invoices as requested in your email to John*' iffirmata Rosanne. L-ammont totali tal-kont kien ta' €1,416 u li bħala deskrizzjoni kien jirreferi għal '*2 projects*'.

3.8. Permezz ta' email mingħand is-Sinjura Galea tal-14 ta' Diċembru 2009 jidher li kien qiegħed jiġi aċċettat minnhom li jitħallsu s-somma totali ta' €1,000 + VAT.

3.9. Permezz ta' email lis-Sinjura Galea fl-1 ta' Frar 2010, u dejjem bi qbil bejn is-SE u s-Sindku, ġiet offruta s-somma ta' €500 għaż-żewġ applikazzjonijiet. Din però ma ġietx aċċettata minn Future Focus.

3.10. Wara li deher li mhux se jkun hemm ċaqlieq mill-pożizzjoni taż-żewġ partijiet, u wara aktar insistenza minn Future Focus, is-Sindku u s-SE qablu li jressqu dan il-każ lill-Kunsill u għalhekk issejjaħ l-avukat biex jagħti l-pariri tiegħu lill-Kunsill.

3.11. Is-Sindku insistiet li l-applikazzjoni kien fiha diversi żbalji, inkluż fl-Ingliż u li kien jidher ċar li din kienet kopja ta' applikazzjonijiet oħrajn tant li, dik li intbagħatet qabel ma ġiet sottomessa, kienet tagħmel riferenza għall-Kunsill Lokali Marsa minflok għan-Naxxar.

3.12. Is-Sindku kompliet li kien ħalla ħafna għall-aħħar tant li lanqas mar hu bl-applikazzjoni u meta ippruvat tikkuntattjah kien impossibli li taqbdu. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sammut ikkonferma li kienu marru hu u Jurgen Attard biex jitfgħu l-applikazzjoni.

3.13. Il-Kunsillier Miceli qalet li kien ħażin li ma sarx ftehim bil-kitba u li applikazzjoni normalment ikun fiha ammont ta' xogħol. Madanakollu kien hemm qbil li huwa mistenni li l-organizzazzjoni innifisha normalment tinvolvi ħafna aktar xogħol mill-applikazzjoni.

3.14. L-Avukat Mifsud ta l-parir lill-Kunsill li għandu jistabilixxi prezz raġjonevoli li għandu jħallas u jibgħat ċekk b'ittra li huwa l-'*full and final settlement*'.

3.15. Meta l-Kunsill kien qiegħed jiddiskuti kemm hu l-ħlas raġjonevoli kien hemm qbil li l-ewwel offerta ta' €500 għaż-żewġ applikazzjonijiet kienet diġà raġjonevoli ħafna iżda, minħabba li diġà ma kienx hemm aċċettazzjoni tagħha, b'sinjal ta' rieda tajba mill-Kunsill, u mingħajr preġudizzju, qabel li joffri €600. Fuq parir tal-Avukat kien hemm qbil li ċ-ċekk jgħaddi għand l-avukat biex huwa jibgħatu lil Future Focus ma' ittra li tgħid li dan huwa l-'*full and final settlement*'.

## 4. SOSPENSJONI TAL-AĠENDA – LAQGĦA MA' RESIDENTI

4.1. F'dan il-ħin il-Kunsill issospenda l-aġenda biex jiltaqa' ma' Annalise Gauci u Jesmar Buttigieg dwar problema li qed jaraw huma minħabba li jaħbat li jkun hemm l-organizzazzjoni tal-attività tal-Milied fit-12 ta' Diċembru meta huma għandhom jiżżewġu fil-Knisja Arċipretali fl-istess jum. Il-laqgħa magħhom spiċċat fid-9:10pm.

4.2. Minkejja talbiet biex l-attività tiġi posposta il-Kunsill ma qabilx li għandu jċaqlaq id-data iżda għandu jagħmel dak kollu possibli biex joħroġ il-permessi biex ma jkunx hemm restrizzjonijiet lill-karozza tal-għarusa u tal-familjari l-aktar qrib (li jkunu bil-karozzi tal-kiri bix-xufier) milli jidħlu fejn il-Knisja.

4.3. F'dan il-ħin l-Avukat Mifsud irtira mill-kamra.

## 5. TKOMPLIJA TAL-AĠENDA – ATTIVITÀ FAVUR L-ANNIMALI MA' NATURE TRUST

5.1. F'dan il-ħin il-Kunsill stieden lis-Sinj. Annalise Falzon biex tispjega t-talba ta' Nature Trust. Hija għamlet preżentazzjoni fil-qosor tal-ħidma ta' Nature Trust u kif il-Kunsill jista' jassoċja ruħu favur l-annimali permezz ta' attivitajiet flimkien.

5.2. Il-Kunsill qabel li għandu jassoċja ruħu favur l-annimali u li għandu jaħdem biex jorganizza attivitajiet flimkien ma' Nature Trust. F'dan ir-rigward, permezz tal-

Kunsillier Sammut, diġà kien hemm il-ħsieb ta' attivitajiet relatati mal-annimali għal Ottubru.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' ĦLASIJIET

6.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' ħlasijiet pendenti li kienet approvata u ffirmata mis-Sindku, mill-viċi Sindku u mis-SE. Din kienet tinkludi wkoll informazzjoni dwar id-dħul kollu li sar f'Mejju 2010. Il-lista hija annessa f'A.

## 7. TKOMPLIJA TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

7.1. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mas-Sindku ta' Reggio u kien qiegħed jaqbel li ssir mawra oħra simili għal dik li saret is-sena l-oħra għal 30 persuna bi prezzijiet ridotti. Din il-mawra lill-Kunsill ma tiswieh xejn ħlief spazju fuq fuljett tal-Kunsill għall-avviż.

7.2. Kien hemm qbil li l-ewwel preferenza għandha tingħata lil dawk li s-sena l-oħra ma kellhomx l-opportunità li jmorru.

7.3. Sadanittant is-SE informa li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qiegħed jistaqsi dwar il-mawra tas-sena l-oħra u insista li l-Kunsill mhux suppost għamel xi ħaġa simili. Is-SE informa li huwa kien wieġeb li din ma swiet prattikament xejn lill-Kunsill għajr *memento* lill-Kunsill ta' Reggio. Huwa però għadu qed jistenna r-risposta mingħand id-Dipartiment għal dan.

7.4. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sammut talab li jkun skużat minħabba xogħol. Il-ħin kien id-21:45.

7.5. Il-Kunsillier Miceli tkellmet dwar il-*life long learning programmes* u kif se tkun imħaddma l-proċedura biex wieħed ikun jista' japplika. Hija kompliet ukoll li kien hemm għalliem li kien lest li jiddisinja *flyer*. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li possibilment għandhom jitlaqqgħu iż-żewġ avviżi (tal-korsijiet u tal-mawra ta' Reggio) biex isir f'wieħed.

7.6. Il-Kunsillier Galea informa li kienu kellmuh żewġ żgħażagħ studenti tal-arti, Charlene Schembri u Maria Bezzina, fejn esprimew ix-xewqa li jagħmlu wirja permanenti tal-arti fil-Kunsill. Il-Kunsill laqa' din it-talba b'mod pożittiv u inkariga lill-Kunsillier Galea biex ikompli jiddiskuti d-dettalji magħhom ħalli din l-inizjattiva timmaterjalizza.

7.7. Il-Kunsillier Galea ġibed l-attenzjoni ta' ammont ta' ħmieġ fl-għalqa ta' maġenb il-bandli. Is-SE informa li l-amministrazzjoni kienet diġà irrappurtat b'dan lill-MEPA.

## 8. RAPPORT FINANZJARJU VERIFIKAT

8.1. Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju verifikat. Huwa informa li wara l-verifika ħareġ li dak oriġinali kien fih ammont ta' żbali tant li minn rapport bi żbilanċ issa hemm rapport verifikat b'bilanċ ta' kważi €30,000.

8.2. Il-Kunsill approva r-rapport.

## 9. MOZZJONI MILL-KUNSILLIER DAVID BONELLO DWAR TRIQ V. BORON

9.1. Il-Kunsillier Bonello ippreżenta l-mozzjoni kif annessa f'B.

9.2. Is-Sindku tkellmet dwar il-fatt li diġà hemm pjanti għal dik iż-żona biex issir pjazza u għalhekk ikun ħela ta' flus jekk isir xogħol fuq it-triq li eventwalment trid tkun inkorporata fil-proġett tal-pjazza.

9.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibda kemm jista' jkun malajr il-konsultazzjoni dwar il-proġett għall-pjazza u li jissottometti l-applikazzjoni lill-MEPA

ħalli appena jkun approvat il-Kunsill ikun jista' jibda l-ewwel fażi li jifforma t-triq skont il-pjanti tal-proġett u għalhekk ma jintefqux flus għal xejn.

9.4. F'dan il-ħin is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Bonello dwar il-laqgħa mal-MEPA fuq il-barrieri. Huwa wieġeb li l-MEPA infurmat li sid il-barriera għad fadallu madwar sena xi jqatta' filwaqt li se jikkunsidraw sistema oħra ta' tqattieħ permezz ta' tip ta' materjal li jifqa' l-blat mingħajr splussiv.

9.5. F'dan il-ħin kien hemm talba biex isir traqqiegħ tal-Qadi.

## 10. L-ATTIVITÀ 'L-ISTORJA TMEXXI S-SENGĦA'

10.1. Il-Kunsillier Galea semma li għadu qed jistenna li tidher informazzjoni fuq It-Torċa.

10.2. Sadanittant ingħata rendikont ta' fejn waslet l-organizzazzjoni tal-attività.

10.3. Il-Viċi-sindku informa li l-Kumitat Konġunt kien se jirrimborsa parti mill-ispejjeż tal-Gwardjani għall-attività.

## 11. ĠEMELLAĠĠ MA' MORNAGO

11.1. Is-SE informa li beda x-xogħol fuq il-programm tal-attivitajiet konnessi mal-ġemellaġġ ma' Mornago. Huwa appella lill-Kunsillieri biex jagħtu kull għajnuna ħalli din tkun suċċess kif jixraq lil okkażjoni bħal din. (*ara wkoll para. 2.5*)

## 12. INIZJATTIVA LOKALITAJIET INDAF – MEMO 73/2010

12.1. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Is-SE saħaq fuq l-importanza li l-Kunsill jinvolvi lir-residenti.

12.2. Il-Kunsillier Galea ippropona li ssir tindifa kbira bl-akbar involviment possibli ta' residenti u għaqdiet. Dwar dan il-Kunsill qabel u talbu biex jaħdem fuqha.

## 13. TALBIET GĦAL XOGĦLIJIET

13.1. Is-SE talab lill-Kunsill jikkunsidra li kantuniera li hemm fi Triq il-Ġiżwiti tiġi mimlija u livellata bil-konkos minħabba li qed tkun suġġetta għal ammont ta' ħmieġ li jintefa' minħabba li tidher abbandunata. Il-Kunsill qabel.

## 14. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

14.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 13 ta' Lulju fis-7:30pm. Il-ħin kien il-10:50pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**B**

Mozzjoni : David Bonello

Sekondant : Pierre Sciberras

Titlu : **Extensive Patching Triq V.Boron**

INFO : Permezz ta' din il-mozzjoni qed nipproponi li jsir extensive patching fil-parti tan-nofs ta' triq V/Boron f'San Pawl tat-Targa. Minkejja li naf li hemm il-progett tal-pjazza tal-knsija Hniena Divina u eventwalment din it-triq se tinqala u ssir mil-gdid kollha kemm hi fl-istess waqt din t-triq tinsab fi stat gravi hafna u hemm bzonn li jsir xi haga urgenti dwara.

Wara li saqsejt xi mistoqijiet lis-Segretarju Ezekutiv Paul Gatt, sirt naf li fi triq ta' spiss jsir xoghol ta' traqqiegh izda minhabba l-istat tat-triq, jigi rrangat naha u jinqala' x'imkien iehor appena taghmel halba xita.

Wiehed jista jargumenta li jkun ghaqli li nistennew li jibda il-progett tal-pjazza madankollu nigbed l-attenzjoni li biex jibda ix-xoghol fuq din it-triq jrid johrog il-full development permit li jista jiehu snin twal u t-triq diga tinstab fi stat gravi.

B'hekk qed nipproponi li jsir extensive Patching f'parti biss minn din t-triq l-wieghsa minn fejn jghaddu l-aktar il-karozzi.

Mill-kalkoli li ghamel Paul Gatt fuq l-estent taz-zona kif indikat fuq is-site plan anness bl-ahdar jidher li hemm 1,425 metri kwadrati coe kkalkulata fuq 95 tul b'15-il metru wisgha.

Jekk wiehed ikollu jaghmel xoghol ta' kisi f'din il-parti li jkun simili ghal dak li sar per ezempju fi Triq Ferdinand Von Hompesch, l-ispiza titla' ghal madwar Eur34,000.

Jekk l-istess zona ssir strettament b'mod temporanju bil-wisgha kollu tat-triq (li ghandu mill-inqas iservi 5 snin sakemm ma jsirx thaffir fih), l-ispiza titla' ghal madwar Eur20,500.

Madankollu qed niproponi li l-kunsill jiksi biss il-parti tan-nofs u coe minn fejn jghaddu l-vetturi b'wisgha ta' 7 metri. Il-kumplament jista' jibqa kif inhu ghall-parkegg biss u li eventwalment jista' jdur b'sistema ta' fish-bone parking.

Dwar dan jista' jkun li jkun hemm bzonn xi modifika fit-truf tal-bankini u ghalhekk jekk isir dan l-ispiza titla' ghal madwar Eur10,000 + jew - 5%.

Minhabba l-fatt li din it-triq qieghda fi stat gravi, jekk tghaddi din il-mozzjoni, dan ix-xoghol ghandu jiehu prijorita fuq ix-xoghol tat-toroq li ghanda pendenti u meta jispicca x-xoghol fuq t-triq li qed issir bhalissa jibda dan ix-xoghol minnufih.

David Bonello – Kunsillier

10 ta' Ġunju 2010